

Brussell, 21 ta' Marzu 2018
(OR. en)

7091/18

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0163 (COD)

CODEC 375
CULT 26
PE 34

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1295/2013 li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (mill-2014 sal-2020) - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, mit-12 sal-15 ta' Marzu 2018)

I. INTRODUZZJONI

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u d-dikjarazzjoni konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni ¹, saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar dan id-dossier fl-ewwel qari, biex b'hekk tiġi evitata l-ħtieġa għat-tieni qari u l-konċiljazzjoni.

F'dan il-kuntest, ir-relatur, Silvia COSTA (S&D, IT) ippreżentat emenda ta' kompromess waħda (l-emenda 12) għall-proposta għal Regolament, fisem il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni. Kien intlaħaq qbil dwar din l-emenda matul il-kuntatti informali msemmija hawn fuq.

¹ ĠU C 145, 30.6.2007, p.5

II. VOT

Meta vvotat fil-15 ta' Marzu 2018, il-plenarja adottat l-emenda ta' kompromess (l-emenda 12) għall-proposta għal Regolament. Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari, li tinsab fir-risoluzzjoni leġislattiva tiegħu kif tinsab fl-Anness hawnhekk².

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li preċedentement kien miftiehem bejn l-istituzzjonijiet. Il-Kunsill għandu għalhekk ikun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

² Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-risoluzzjoni leġislattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet fit-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'*tipa grassa u bil-korsiv*. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

Programm Ewropa Kreattiva (2014 sa 2020) *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Marzu 2018 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1295/2013 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2014 sa 2020) (COM(2017)0385 – C8-0236/2017 – 2017/0163(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2017)0385),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-ewwel inċiż tal-Artikolu 167(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0236/2017),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-18 ta' Ottubru 2017³,
 - wara li kkonsulta l-Kumitat tar-Regġuni,
 - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat(i) responsabbli fis-sens tal-Artikolu 69f(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-31 ta' Jannar 2018, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A8-0369/2017),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

³ Għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-15 ta' Marzu 2018 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2018/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1295/2013 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2014 sa 2020)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 167(5) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁴,

Wara li kkonsultaw mal-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja⁵,

⁴ Opinjoni tat-18 ta' Ottubru 2017 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁵ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Marzu 2018.

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ stabbilixxa ***l-Programm*** Ewropa Kreattiva (2014 sa 2020) biex jiġu appoġġjati s-setturi kulturali u kreattivi Ewropej.
- (2) ***Il-partikolarità tal-Orkestra*** taż-Żgħażaġħ tal-Unjoni Ewropea (EUYO) ***għejja mill-fatt li hija orkestra Ewropea li tmur lil hinn mill-konfini kulturali u li*** hija magħmula minn mużiċisti żgħażaġh li jintgħażlu skont kriterji eżiġenti ta' kwalità permezz ta' proċess annwali rigoruż ta' udjenza bi prova li jsir fl-Istati Membri kollha. ***Din hija l-unika orkestra fl-Unjoni li tirrekluta mill-Istati Membri kollha.***

⁶ Regolament (UE) Nru 1295/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2014 sa 2020) u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 1718/2006/KE, Nru 1855/2006/KE and Nru 1041/2009/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 221).

- (3) ■ Mit-twaqqif tagħha, l-EUYO *kkontribwixxiet għall-promozzjoni* tad-djalogu interkulturali u *għar-rispett u l-fehim* reċiproku ■ . ■ L-EUYO aġixxiet ta' ambaxxatur kulturali għall-Unjoni billi serviet ta' vetrina tar-rikkezza u tad-diversità tal-kulturi Ewropej, u tat-talenti emerġenti. Ikkontribwixxiet ukoll *għall-għarfien tal-patrimonju mużikali Ewropew*, għaċ-ċirkolazzjoni ta' xogħolijiet mużikali Ewropej u għall-mobbiltà tat-talenti zghażaġh Ewropej lil hinn mill-fruntieri nazzjonali u Ewropej ■ .
- (4) *L-EUYO tipprovd i taħriġ regolari għall-mużiċisti zghażaġh permezz ta' programm reżidenzjali u toffri opportunitajiet biex jagħtu rappreżentazzjonijiet, u b'hekk issaħħaħ il-karrieri internazzjonali tagħhom u tiżviluppa l-ħiliet tagħhom taħt il-gwida ta' surmastrijiet rinomati.*
- (5) *Jenħtieġ li l-EUYO tiddiversifika kontinwament id-dħul tagħha billi tfittex b'mod attiv appoġġ finanzjarju minn sorsi oħra apparti l-finanzjament mill-Unjoni sabiex tiggarrantixxi s-sostenibbiltà tagħha u bl-għan li tnaqqas id-dipendenza tagħha fuq il-finanzjament tal-Unjoni. Għaldaqstant jenħtieġ li l-EUYO tiżgura l-kosteffiċjenza fil-ġestjoni tagħha.*

- (6) *Jenħtieġ li l-EUYO tfittex li żżid il-vizibbitta tagħha, inkluż fil-media tradizzjonali u diġitali, u li tagħti rappreżentazzjonijiet f'avvenimenti Ewropej u f'aktar Stati Membri.*
- (7) *Jenħtieġ li l-EUYO, b'kollaborazzjoni mas-sħab assoċjati nazzjonali tagħha, iżżid l-għarfien tal-udjenzi bi prova annwali bil-ħsieb li tilħaq stat ta' rappreżentanza aktar bilanċjat ta' mużiċisti minn kull Stat Membru fl-orkestra.*
- (8) *Jenħtieġ li l-attivitajiet tal-EUYO jkunu konformi mal-objettivi tal-Programm Ewropa Kreattiva, b'mod partikolari l-objettiv tagħha li tappoġġja l-iżvilupp tal-udjenza, u mal-prijoritajiet tas-Sottoprogramm Kultura. Jenħtieġ li l-EUYO għalhekk timpenja ruħha b'mod attiv fl-iżvilupp tal-udjenza, b'attenzjoni partikolari fuq iż-żgħażaġh.*
- (9) L-EUYO twaqqfet wara riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Marzu 1976⁷ u għaldaqstant hija *distinta* fost l-orkestri fl-Ewropa. ■

⁷ Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Marzu 1976 dwar il-mozzjoni għal riżoluzzjoni mressqa mis-Sinjura Kellett-Bowman dwar it-twaqqif ta' Orkestra taż-Żgħażaġħ tal-Komunità Ewropea) (ĠU C 79, 5.4.1976, p. 8).

- (10) *Il-kontribut tal-EUYO ġie rikonoxxut mill-Istati Membri u mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, inkluż minn Presidenti suċċessivi tal-Kummissjoni u tal-Parlament Ewropew.*
- (11) *Minħabba l-istatus speċifiku tagħha, l-oġġettivi strateġiċi u l-attivitajiet li jmorru lil hinn mill-interess u l-benefiċċju uniku ta' Stat Membru wieħed jew aktar u li juru b'mod ċar valur Ewropew miżjud, l-EUYO tikkwalifika bħala korp identifikat minn att bażiku fis-sens tal-punt (d) tal-Artikolu 190(1) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012⁸, li jippermetti li jingħataw għotjiet mingħajr sejħa għall-proposti.*
- (12) *Jenħtieġ li l-finanzjament jingħata eċċezzjonalment lill-EUYO sa tmiem il-Programm Ewropa Kreattiva fil-31 ta' Diċembru 2020.*
- (13) *Għaldaqstant jenħtieġ li l-EUYO, bħala eċċezzjoni, tiġi inkluża fost il-miżuri li jibbenefikaw minn appoġġ kemm mis-Sottoprogramm Kultura kif ukoll mit-Taqsima Transettorjali tal-Programm Ewropa Kreattiva.*

⁸ *Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1).*

(14) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tal-EUYO, jenħtieġ li tkun tista' tibbenefika mill-appoġġ mill-aktar fis possibbli, b'mod partikolari għall-ispejjeż imġarrba fl-2018 qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika retroattivament mill-1 ta' Jannar 2018.

(15) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 1295/2013 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 13(1), jiżdied il-punt ■ li ġej:

"(f) *l-ispejjeż relatati mal-attivitajiet tal-Orkestra taż-Żgħażaġħ tal-Unjoni Ewropea li jikkontribwixxu għall-mobbiltà tal-mużiċisti, għaċ-ċirkolazzjoni ta' xogħlijiet Ewropej minn naħa għall-oħra tal-fruntieri u għall-internazzjonalizzazzjoni tal-karrieri ta' mużiċisti żgħażaġh.*";

(2) *fl-Artikolu 15(1), jiżdied il-punt li ġej:*

"(g) *l-Orkestra taż-Żgħażaġħ tal-Unjoni Ewropea, għall-ispejjeż li mhumiex appoġġjati taħt il-punt (f) tal-Artikolu 13(1).*"

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2018 *sal-31 ta' Diċembru 2020*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President